IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

SETTEMBRU 1955

# Integration

*DIN il-kelma l-lum dlonk tinstama' f'ħalq in-nies. Hawn min iridha u hawn min hu kontriha. Il-partiti politiċi ma jaqblux bejniethom dwar is-siwi ta' din il-għamla ġdida fil-Gvern ta' Malta imma milli jidher kulħadd jaqbel li jeħtieġ issir xi tibdila li ttejjeb il-qagħda tagħna tal-lum.*

*Forsi mhux kulħadd jaf li din mhix l-ewwel darba li l-poplu Malti talab għaqda sħiħa jew, kif insejħulha l-lum, integration, ma' nazzjon ieħor. Hemes mitt sena ilu, fi żmien ir-Re Alfonsu ta' Aragona, il-poplu tagħna kien talab li Malta tingħaqad massaltna li dak ir-Re kellu fi Sqallija. L-irvell ta' żmien Monroy u l-ġbir għall-fidwa ta' Malta kienu mqanqlin minn fehma ta' integration. Aktar qrib lejna, meta l-Ordni tal-Kavalieri kien fi tmiemu, Mikiel Anton Vassalli, patrijott Malti, kien għamel proġett għat-tixtil u għat-tisħiħ ta' l-Ordni li fih ippropona integrazzjoni tan-nazzjon Malti fl-Ordni.*

*Milli jidher il-Gvern Ingliż ta widen għat-talbiet tal-partiti Maltin tant li laqqa' Konferenza biex tistħarreġ il-kwistjoni u ħatar membri nies mill-aktar magħrufin mill-partiti politiċi kollha ta' l-Ingilterra u fl-istess ħin stieden rappreżentanti tal-partiti Maltin biex isemmgħu leħenhom u jfissru fehemthom. Wara laqgħat f'Londra, il-Konferenza ġiet Malta biex tissokta l-istħarriġ tagħha fuq il-post.*

*Il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" hija korp kulturali letterarju u bħala hekk hi qatt ma ndaħlet fi kwistjonijiet politiċi; anqas ma hi biħsiebha tindaħal issa fejn ma jesagħhiex, iżda rridu nżommu quddiem għajnejna li l-"Għaqda" kienet inħolqot biex tħares id-drittijiet ta' l-Ilsien Malti, u għalhekk għandha d-dmir li tgħasses għal xi deni li jista' jinqala' lil dan l-Ilsien.*

*Il-"Għaqda" jidhrilha u tħaqqaq, li jkun xi jkun id-destin ta' pajjiżna u tkun xi tkun il-qagħda politika tagħna, l-Ilsien Malti għandu jkollu l-post li jistħoqqlu f'dawn il-Gżejjer tagħna u dan għal bosta raġunijiet: l-ewwelnett hemm il-fatt li l-ilsien tagħna jagħżilna bħala nazzjon għalina, għax poplu mingħajr*

*ilsien tiegħu jonqsu ħaġa mill-aktar meħtieġa biex igħaddi bħala nazzjon. Barra dan, l-ilsien tagħna hu r-rabta li żżomm il-Maltin kollha ta' hawn u ta' barra, magħqudin flimkien, bħala aħwa wlied omm waħda.*

*L-ilsien tagħna hu meħtieġ għall-isvilupp intellettwali tal-poplu. Poplu li ma għandux ilsien tiegħu biex juri t-tqanqiliet u x-xejriet ta' qalbu u ta' ruħu, qatt ma jista' jfassal xbieha tal-ħajja nazzjonali tiegħu, qatt ma jista' joħroġ sintesi tal-ġenju tiegħu bħala ġens. Aħna nafu li l-poplu tagħna beda juri interess kbir fil-ħajja politika u beda miexi 'l quddiem fit-tagħlim minn meta l-Ilsien Malti rafa' rasu u ma baqax imkasbar. Il-kotra, biex ingħidu hekk, imxiet 'il quddiem id f'id ma' l-Ilsien Malti.*

*Għalhekk hu ta' ħtieġa kbira kemm għall-ġieħ ta' pajjiżna kemm għall-ġid tal-poplu tagħna li l-Ilsien Malti jibqa' miexi 'l quddiem bla tfixkil u bla għawġ ħalli dak li kiseb in-nazzjon tagħna bis-saħħa ta' l-Ilsien tagħna ma jtirx mar-riħ.*